REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/567

tad-9 ta' April 2019

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 tas-7 ta' Lulju 2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 2465/96 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(b) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 jelenka korpi pubbliċi, korporazzjonijiet u aġenziji u persuni fiżiċi u ġuridiċi, korpi u entitajiet tal-gvern preċedenti tal-Iraq koperti bl-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi li kienu jinsabu barra mill-Iraq nhar it-22 ta' Mejju 2003 skont dan ir-Regolament.

(2) Fl-4 ta' April 2019, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jneħħi disa' annotazzjonijiet mil-lista ta' persuni jew entitajiet li għalihom jenħtieġ li japplika l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi.

(3) Għaldaqstant jenħtieġ li l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' April 2019.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Il-Kap tas-Servizz għall-Istrumenti tal-Politika Barranija

([1]) ĠU L 169, 8.7.2003, p. 6.

ANNESS

Fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003, jitħassru l-entrati li ġejjin:

"48. GENERAL ESTABLISHMENT FOR THARTHAR PROJECT. Indirizz: P.O. 21, Fallouja, l-Iraq."

"58. IRAQI BROADCASTING AND TELEVISION ESTABLISHMENT. Indirizz: Broadcasting & TV Building, Salihiya, Karkh, Bagdad, l-Iraq."

"64. IRAQI NEWS AGENCY. Indirizz: 28 Nissan Complex, Al Salihiya, Bagdad, l-Iraq."

"81. MINISTRY OF YOUTH, DIRECTORATE-GENERAL OF PLANNING AND FOLLOW UP, IMPORT SECTION. Indirizz: Box 19055, Palestine Street, qrib Al-Shaab Stadium, Bagdad, l-Iraq."

"140. STATE ENTERPRISE FOR IRRIGATION PROJECTS. Indirizz: Karantina, ħdejn Sarafiya Bridge, Bagdad, l-Iraq."

"164. STATE ESTABLISHMENT OF HADITHA DAM. Indirizz: Haklanya, Haditha, l-Iraq."

"165. STATE ESTABLISHMENT OF HEMREEN DAM. Indirizz: 6 Mukdadiya, Mukdadiya, l-Iraq."

"169. STATE ESTABLISHMENT OF MOSUL DAM. Indirizz: Ninewa Governorate, Mosul, l-Iraq."

"170. STATE ESTABLISHMENT OF SMALL DAMS AND REGULATORS. Indirizz: Sinak, Bagdad, l-Iraq."